32006R1445



# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1445/2006

## tad-29 ta' Settembru 2006

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1200/2005 fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-addittiv fl-għalf "Bacillus cereus var. toyoi", li jifforma parti mill-grupp ta' mikro-organiżmi.

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 (2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali u għall-bażi u l-proċeduri biex tingħata tali awtorizzazzjoni.

(2) Il-preparazzjoni *Bacillus cereus* var. *toyoi* (NCIMB 40112/CNCM I-1012), li tifforma parti mill-grupp ta' mikro-organiżmi, kienet awtorizzata skond id-Direttiva 70/524/KEE [2] mingħajr limitu ta' żmien bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin u għall-fniek għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005 [3]. Dan l-addittiv sussegwentement iddaħħal fir-Reġistru Komunitarju ta' l-Addittivi ta' l-Għalf bħala prodott eżistenti, skond l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) B'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, intbagħtet applikazzjoni għal emenda ta' l-awtorizzazzjoni ta' din il-preparazzjoni biex tiġi permessa f'għalf li jkun fih il-coccidiostats li ġejjin: diclazuril (Clinacox 0.5 % u Clinacox 0,2 %), narasin-nicarbazina (Maxiban G160) u maduramicin ammonium (Cygro 1 %) għat-tiġieġ għat-tismin. Din l-applikazzjoni ġiet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u mid-dokumenti meħtieġa taħt l-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament.

(4) L-Awtorità Ewropea tas-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") fl-opinjoni tagħha tal-5 ta' Novembru 2005 kkonkludiet li l-kompatibilità ta' l-addittiv *Bacillus* var. *Toyoi* (NCIMB 40112/CNCM I-1012) bid-diclazuril (Clinacox 0,5 % u Clinacox 0,2 %), narasin-nicarbazina (Maxiban G160) u maduramicin ammonium (Cygro 1 %) ġiet stabbilita [4]. L-opinjoni ta' l-Awtorità tivverifika wkoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi ta' l-addittiv ta' l-għalf, f'għalf sottomess mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni ta' din il-preparazzjoni turi li l-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ġew sodisfatti.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1200/2005 għandu għalhekk jiġi emendat.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1200/2005 qed ikun emendat fi qbil ma' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

---

[1] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).

[2] ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Direttiva kif imħassra bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

[3] ĠU L 195, 27.7.2005, p. 6.

[4] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Additivi u Prodotti jew Sustanzi użati fl-Għalf ta' l-Annimali dwar il-modifika tat-termini ta' awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu *Bacillus cereus* var. *toyoi* (NCIMB 40112/CNCM I-1012) (Toyocerin®) awtorizzat bħala addivit fl-għalf skond id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE. Adottata fit-30 ta' Novembru 2005. *Il-Ġurnal EFSA* (2005) 288, p. 1-7.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Settembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1200/2005 l-annotazzjoni għal E 1701, *Bacillus cereus* var. *toyoi* (NCIMB 40112/CNCM I-1012), hija mibdula b'li ġej:

| Nru KE | Addittiv | Formula kimika, deskrizzjoni | Speċi jew kategorija ta' annimal | Età massima | Kontenut massimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħrajn | Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | CFU/kg ta' għalfsħih | | | |
| **Mikro-organiżmi** | | | | | | | | |
| "E 1701 | *Bacillus cereus* var. toyoi<br><br>NCIMB 40112/CNCM I -1012 | Preparazzjoni għall-*Bacillus cereus* var. *toyoi* li fiha minimu ta': $1 \times 10^{10}$ CFU/g addittiv | Fniek għat-tismin | — | $0{,}1 \times 10^{9}$ | $5 \times 10^{9}$ | Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u t-taħlit preliminari, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabilità għall-pelleting.<br><br>Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-coccidiostats permessi: robenidine, salinomycin sodium. | Mingħajr limitu ta' żmien |
| | | | Tiġieġ għat-tismin | — | $0{,}2 \times 10^{9}$ | $1 \times 10^{9}$ | Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-addittiv u t-taħlit preliminari, indika t-temperatura tal-ħżin, kemm jista' jdum il-ħżin, u l-istabilità għall-pelleting.<br><br>Jista' jintuża f'għalf kompost li fih il-coccidiostats permessi: monensin sodium, lasalocid sodium, salinomycin sodium, decoquinate, robenidine, narasin, halofuginone, diclazuril, narasin/nicarbazin, maduramicin ammonium. | Mingħajr limitu ta' żmien" |